# Nikola Zammit
## *Mitejn Sena minn Twelidu*

*Perit Anthony Gatt*

Mitejn sena ilu, propju f'Novembru tal-1815 twieled fis-Siġġiewi l-Professur Nikola Zammit. Tul ħajtu, Zammit spikka bħala tabib, arkitett, diżinjatur u filosofu.

Sa minn qabel spiċċa l-istudji tiegħu fil-mediċina fl-1839, Zammit kien diġà beda jikkontribwixxi regolarment f'gazzetti lokali bħalma kienu *Il Porafoglio Maltese, L'Unione* u *Giahan*. Fejn għall-bidu Zammit beda jikteb artikli f'ġurnali li joħroġ ħaddieħor, ma damx wisq sa ma beda hu wkoll jippubblika l-gazzetti tiegħu huwa stess. Fost dawn insemmu *Il Foglio del Popolo*, *La Rivista* u *La Fiammetta*. Aktar tard insibuh jippubblika ġurnali oħra importanti bħalma kienu *L'Arte* u *La Fenice,* kif ukoll numru sabiħ ta' kotba u xogħlijiet letterarji oħra.



*Il-Professur Nikola Zammit (1815-1899)*

Permezz ta' dawn il-kitbiet, Zammit iddiskuta bosta suġġetti marbuta mal-filosofija, reliġjon, arkitettura, arti u inġinerija fost l-oħrajn. Fil-kitbiet tiegħu, dehru affarijiet li llum inqisuhom parti mill-ħajja ta' kuljum iżda għal dak iż-żmien kienu innovazzjoni.

Fost dawn, insemmu argumenti li ħareġ bihom marbuta mas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol bħal per eżempju perikli marbuta ma' ħinijiet twal ta' xogħol fix-xemx, xogħol fit-tul għal aktar minn għaxar sigħat kuljum kif ukoll l-użu ta' armar addattat biex isir xogħol fil-għoli.

Zammit ukoll kiteb kontra l-isfruttar tat-tfal fuq il-postijiet tax-xogħol. Marbuta mas-sengħa tal-bini, Zammit kien ukoll jagħti pariri siewja fuq għodod u materjali li għandhom jintużaw. Fost l-oħrajn, fil-ġurnal *L'Arte* insibu lil Zammit jintroduċi r-raxketta, biċċa għodda sempliċi u effettiva li llum issibha fil-barmil tal-għodda ta' kull bennej.

Il-kitbiet tiegħu jirriflettu l-interess speċjali li l-Professur Zammit kellu fl-iżviluppi teknoloġiċi u intelletwali li jkunu qed isehħu barra minn Malta. Marbut ma dan, Zammit kien isegwi mill-qrib x'kien jiġi esebit fl-espożizzjonijiet internazzjonali li kienu jsiru dak iż-żmien - wirjiet kbar li l-mudell tagħhom huwa l-predeċessur tal-EXPO 2015 li għaddejja bħalissa f'Milan.

Għall-espożizzjoni internazzjonali li saret f'Pariġi fl-1867 u li żaruha 'l fuq minn disa' miljun ruħ, Zammit kien imqabbad biex jagħmel ktejjeb fuq 'Malta u


MALTE

ET

SON INDUSTRIE

TABLEAU

PAR

N. ZAMMIT M. D.

MALTE

MDCCCLXVII.

*Il-Qoxra tal-ktieb 'Malta u l-Industrija Tagħha' li Nikola Zammit ġie mqabbad jikteb biex jitqassam waqt l-espożizzjoni internazzjonali ta' Pariġi fl-1867*

l-industrija tagħha' biex ikun jista' jitqassam lil viżitaturi minn ġol-padiljun ta' Malta.

Fiċ-ċivil, Nikola Zammit serva f'diversi karigi importanti fosthom bħala tabib tal-ħabs ta' Kordin, eżaminatur fil-fakultà tal-mediċina u superviżur tal-akwadotti. Fl-1875, Zammit kien appuntat dekan tal-fakultà tal-filosofija fl-Università ta' Malta.

Il-pożizzjoni tiegħu bħala superviżur tal-akwadotti kienet sensittiva ferm fi żminijiet fejn minn żmien għal żmien il-marda kiefra tal-kolera li hija marbuta direttament mal-użu ta' ilma kkontaminat kienet tħalli qerda sħieħa f'pajjiżna. Dan is-suġġett jgħaqqad flimkien il-mediċina u l-inġinerija, żewġ interessi speċjali li Zammit tant kien magħruf għalihom.



*Dettall ta' gandlier armat fuq l-altar maġġur tal-Knisja ta' San Nikola, maħdum fuq disinn ta' Nikola Zammit*

Nikola Zammit kien ukoll meqjus bħala awtorità fil-qasam tal-arti. Mhux biss kien kritiku attiv ħafna tal-arti, iżda wkoll kien diżinjatur imfittex speċjalment għal għamara u apparat liturġiku kif ukoll għal monumenti ta' oqbra u armar tal-festi.



*Il-Ventartal tal-fidda tal-Artal Maġġur tal-Knisja ta' Bormla, armat għall-festa tal-Kunċizzjoni, maħdum fuq disinn ta' Nikola Zammit. Dan il-ventartal kien intgħażel biex minn fuqu jqaddes il-Papa Benedittu XVI fuq il-Fosos tal-Furjana waqt iż-żjara li għamel f'Malta fis-sena 2010. (ritratt A. Cassar)*

Primarjament bil-perjodiku tiegħu *L'Arte,* Zammit kien jagħmel kritika kostruttiva ta' opri tal-arti li kienu jiġu kkummissjonati f'dak iż-żmien kif ukoll jiġbed l-attenzjoni għal nuqqasijiet li kien jinnota. Fost oħrajn, Zammit kien jiġbed l-attenzjoni għal bżonn ta' aktar taħriġ għall-iskulturi minħabba li x-xogħol f'dan il-qasam ma kienx jilħaq il-kwalità mixtieqa.

Pass li kompla daħħal sew lil Zammit fiċ-ċrieki tal-arti kien fl-1852 meta żżewweġ lil Melita, bint l-artist magħruf Giovanni Schranz (1794 – 1882).

Bħala diżinjatur ta' għamara u apparat liturġiku, insibu ħafna xogħlijiet tiegħu fil-knejjes tas-Siġġiewi, Bormla, Ħal Qormi San Ġorġ kif ukoll fil-Katidral tal-Imdina. Fost armar tal-festi li huma magħrufa li nħadmu skont id-disinji tiegħu insibu kolonna kbira li fuqha tintrama l-istatwa tal-Papa Piju IX għall-festa tal-Kunċizzjoni f'Bormla kif ukoll Ark Trijonfali kbir li kien sar fl-1858 għal festa ta' San Pawl il-Belt.

Nikola Zammit spikka wkoll fl-arkitettura fejn kien fdat biex jimmudella mill-ġdid il-faċċati ta' diversi knejjes importanti. Skont id-disinn tiegħu, reġgħu inbnew jew ġew modifikati l-faċċati ta' diversi knejjes importanti fosthom dik ta' San Publiju tal-Furjana, Santa Katarina taż-Żurrieq, Tal-Grazzja ta' Ħaż-Żabbar, San Pawl tal-Belt u fuq kollox il-faċċata tal-Knisja ta' San Nikola fis-Siġġiewi.

Dawn ix-xogħlijiet ta' responsabiltà kbira, żgur li kienu jitolbu ħafna ħsieb, mhux biss għad-disinn iżda wkoll għall-implimentazzjoni tagħhom.

Għalkemm Zammit kien mar joqgħod il-Belt Valletta u wara Tas-Sliema, b'xi mod xorta żamm kuntatt mas-Siġġiewi. Fl-1883 kien strumentali biex twaqqfet il-Banda fis-Siġġiewi u l-bħala rikonoxximent lejh, għal xi żmien kienet ukoll imsemmija *Società Filarmonica dei Dilettanti - Circolo Nicola Zammit.*

Għall-kuntrarju ta' li wieħed normalment jaħseb dwar xi ħadd li jkun jipprova jindaħal f'ħafna oqsma differenti, Zammit kien tassew bniedem ta' għerf kbir u ħafna talenti u li spikka f'kull qasam li kien imdaħħal fih.

Il-Professur Nikola Zammit ħalla din id-dinja nhar id-29 ta' Lulju 1899. Il-Funeral beda minn tas-Sliema fejn kien joqgħod sas-Siġġiewi fejn indifen. Maż-żmien, triq ewlenija fis-Siġġiewi ssemmiet għalih u fiha wkoll twaqqaf mafkar f'ġieħu.

**Biblijografija**


Mark Montebello, *Il-Ktieb tal-Filosofija f'Malta* (*A Source Book of Philosophy in Malta*), PIN Publications, Malta, 2001.

Stephanie Vella, *Nicola Zammit (1815 – 1899) as an artist and art critic in the context of nineteenth century Malta, (unpublished disserteation – University of Malta),* Malta, 2001.

http://www.freewebs.com/bandasannikola/storja.htm